# IL-QANPIENA

Ġunju 2009 | Parroċċa Sant'Elena - Birkirkara | Ħarġa Numru: 336

## INSELLMILKOM


Il-Prepostu - Dun Anton Cassar

### GĦALL-QADI TAL-EVANĠELU U GĦAS-SERVIZZ TAL-KNISJA

Spiss nitkellmu fuq l-"esperjenza". – Kollox qisu sar jinkludi "esperjenza" jekk issiefer, jew weekend break, jew tmur shopping, jew ħarġa mal-ħbieb, jew tattendi xi rtir, jew mort live concert. Insomma qisek jekk ma tkunx irnexxielek tagħmel "esperjenza" ta' xi tip, tkun qed taħli ż-żmien!

Dan kollu x'ifisser? Naħseb li tfisser li l-bniedem illum għandu bżonn iżjed spazju għar-riflessjoni. Bħal persuna li tkun taf it-teorija iżda fill-prattika għadu ma ħadimx dak li jaf. Kif qal tajjeb San Ġorġ Preca, "Xejn ma jiswa t-tagħlim mingħajr riflessjoni." Mela meta ma jkunx hemm "l-esperjenza", it-tagħlim jevapora u jsir irrelevanti u jispiċċa biex jintesa wkoll.

Il-għala qed ngħid dan? Nhar il-Festa tal-Qalb ta' Ġesu, d-19 ta' Ġunju, hi x-xewqa tal-Papa Benedittu XVI li tibda s-"Sena Saċerdotali" u fil-messaġġ tiegħu fil-Jum il-Vokazzjonijiet qal hekk: "Hemm bżonn li nisimgħu l-leħen ta' Alla, bil-qawwa kollha tiegħu, fi ħdan il-Knisja. Hu d-dmir tas-sa'erdoti, f'dinja li trid isikket il-leħen ta' Alla, hu li s-saċerdoti jiddedikaw ħajjithom biex leħnu jasal u jinftiehem ċar.

B'dan l-iskop nixtieq nsejjaħ lill-adoloxxenti u ż-żgħażagħ jsibu spazju għar-riflessjoni. Għax Alla jieħu l-inizzjattiva li jgħażel lil xi wħud biex jimxu wara Ibnu Ġesu' Kristu aktar mill-qrib, bħala ministru u xhieda privileġġjati tiegħu. Ejjew matul din is-sena nagħmlu dak li Ġesu' nsista mad-dixxipli: "Itolbu lil Sid il-ħsad biex jibgħat ħaddiema għall-ħsad tiegħu." "Sejħa urġenti min-naħa tal-Mulej li tenfasiżża l-bżonn kontinwu u fiduċjuż ta' talb għall-vokazzjonijiet." Hekk qal il-Papa Benedittu XVI fil-messaġġ tiegħu għall-Jum il-Vokazzjonijet.

Tisllijiet u talb,

***Dun Anton***

**UFFIĊĊJU PARROKKJALI**

4 Triq is-Santwarju
Birkirkara BKR 2304

Tel. 21444725
Fax. 21445540
info@bazilikasantelena.com
www.bazilkasantelena.com

**Ħinijiet tal-Uffiċċju:**
It-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa

Fil-għodu 10.00 - 11.45
Fil-għaxija 5.00 - 7.00

**Prepostu Arċipriet:**
Dun Anton Cassar

**Viċijiet:**
Kan Dun Michael Borg
Kan Dun Charles Gauci

**Fil-Bażilka**
**Qrar:**
**Is-Sibt:** mill-3.45pm 'l quddiem
**Il-Ħadd:** Fil-għodu u fil-għaxija, bejn kull Quddiesa. (Sagristija).


CASA ANTONIA

Residential and Nursing Home
Pope Alexander VII Junction
Balzan BZN 02

**Informazzjoni:**
Tel: 21470677/8
Fax: 21496278

Website:
www.casa-antonia.com.mt

email:
info@casa-antonia.com.mt

John Tonna
Tel: 21440146


## Kalendarju Liturġiku ĠUNJU

| | | |
|---|---|---|
| 03 L–Erbgħa | 9.00am | Ħarġa għan-Nisa. Biljetti mingħand Jane Aquilina Tel: 21488845. |
| 04 Il-ħamis | 7.00pm | Bażilika: Adorazzjoni mmexxija mill-Kor Sidtna Ommna Marija Sultana tal-Paċi. |
| 05 Il–Ġimgħa | | L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar. San Pawl 6.30pm: Adorazzjoni : Tal-Ħerba 8.00pm Adorazzjoni |
| 06 Is-Sibt | 4.30pm | Tal-Ħerba: Ċelebrazzjoni Marjana u wara quddiesa b'suffraġju ta' dawk li mietu f'Mejju. |
| 07 Il-Ħadd | | Festa tat-Trinita' Mqaddsa. |
| 08 It-Tnejn | 7.00pm | Laqgħa tal-Kummissjoni Familja. |
| 09 It-Tlieta | | Bażilika: laqgħa ta' talb mill-grupp MIR |
| | 7.00pm - 9.30pm | Rużarju, quddiesa u Adorazzjoni. |
| 11 Il-Ħamis | 7.00pm | Bazilika: Adorazzjoni mmexxija mill-Ministri Straordinarji tat-Tqarbin. |
| 13 Is-Sibt | | Knisja ta' S. Antnin u S. Katerina fi Triq il-Kbira |
| | 9.30am | Quddiesa u wara jitqassam il-Ħobż ta' S.Antnin<br>Tifkira tat-2 dehra tal-Madonna ġewwa Fatima. |
| 14 Il-Ħadd | | Festa tal-Ġisem u d-Demm ta' Ġesu' - Corpus Christi<br>Bidu tal-Ġimgħa Ewkaristika ara programm paġni 4 u 5. |
| 15 It-Tnejn | 7.00pm | Ċentru: Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali |
| 16 It-Tlieta | 9.15am | Tluq bil-private għaż-Żjara lil karkariżi ġewwa San Vinċenz de Paule. Biljetti mill-Uffiċċju Parrokkjali jew Anglu Gatt. |
| 19 Il-Ġimgħa | | Festa tal-Qalb ta' Ġesu'. Tiftaħ is-Sena dedikata għas-Saċerdoti |
| 21 Il-Ħadd | | Jum il-Missier<br>Oratorju: Festa tal-Madonna Għajnuna ta' l-Insara ara paġna 6. |
| 22 It-Tnejn | 7.00pm | Kripta: Quddiesa b'suffraġju tal-Missirijiet mejtin. |

*ikompli f'paġna 3...*

*...ikompli minn paġna 2*

| | | |
|---|---|---|
| 25 Il-Ħamis | 7.00pm | Bażilika: Adorazzjoni mmexxija mis-sorijiet tal-Parroċċa |
| 28 Il-Ħadd | | Issir il-Ġabra tal-karita' biex il-Papa jqassam f'partijiet tad-dinja li għandhom bżonnijiet speċjali. |
| 29 It-Tnejn | | Festa ta' San Pietru u San Pawl<br>Għeluq tas-Sena Pawlina. Programm jitħabbar aktar tard. |

---

**SENA ĊENTINARJA INKORONAZZJONI MADONNA TAL-ĦERBA**



## F'RIĠLEJN ĠESU' U MARIJA

**Bi tħejjija għas-sena ta' Ċelebrazzjonijiet fl-okkażżjoni ta'-Ċentinarju ta' l-Inkoronazzjoni tal-Kwadru tal-Madonna Tal-Ħerba li se jaħbat f'Awwissu 2010 se jibdew isiru laqgħat ta' talb fis-Santwarju Madonna Tal-Ħerba.**

**L-ewwel laqgħa saret nhar it-13 ta' Mejju, jum it-tifkira ta' l-ewwel dehra tal-Madonna ġo Fatima u se jkomplu kull TIENI ERBGĦA ta' kull xahar bejn 10.00am u l-11.00am.**

**Wara vista lil Ġesu' Sagramentat espost saret katekeżi fuq tema Marjana u wara re'ita tar-Rużarju Imqaddes.**

**Kulħadd huwa mistieden jattendi biex b'mod spiritwali nitħejjew biex nikkonfermaw u nġeddu dak li stqarrew missirijietna mitt sena ilu, meta għoġobhom jagħżlu lil Ġesu' u Marija bħala s-Sultan u s-Sultana tagħhom hawn fil-Parroċċa ta' Birkirkara.**

---

## Sett ta' 8 Kapep Ġodda għall-Festa Ta' Santa Elena u 3 settijiet ta' Pjaneti biex jintużaw waqt il-Kon'elebrazzjonijiet.

**Il-Kapitlu Elenjan ra li l-kapep li jintużaw fil-Festa ċċarrtu u ma nistgħux nkomplu nsewwu fihom. Ra li jkun aħjar li jsiru 8 kapep ġodda bl-istemma ta' Santa Elena irrakkmata fuq pluvjar. Dawn ser jigu jqumu €1110. Ma dawn ġew ordnati 3 settijiet ta pjaneti gotiċi ta' lewn abjad, aħdar, u aħmar biex jintużaw għall-waqt il-Konċelebrazzjoniji. Kull sett jikkonsisti f'sittax (16) il-pjaneta u waħda għall-prim Konċelebrant u żewġ (2) Dalmatiki tad-djaknu. Dawn jiġu jqum €100 il-waħda. S'issa nġabru €2,300. Dawk il-persuni li jixtiequ jikkontribbixxu għal parti minn dawn l-ispejjeż ta' dawn iż-żewġ proġetti jistgħu jikkuntattjaw xi wieħed mis-saċerdoti jew l-Uffiċċju Parrokkjali.**

# Ġimgħa Ewkaristika

**Il-Ħadd 14 ta' Ġunju - Festa ta' Corpus Domini**

9.15am Quddiesa Konċelebrata.

10.30am Purċissjoni li tgħaddi mill-Pjazza, Triq Santu Rokku, Triq l-Imsida, Triq il-Kbira, Triq S. Elena u l-Pjazza.

**It-Tnejn 15 ta' Ġunju**

9.30am - 10.00am Tfal tal-Iskola St. Francis.
10.15am - 11.15am Grupp ta' Talb għall-Vokazzjonijiet.
11.30am - 12.00pm Adorazzjoni libera.
4.45pm - 5.30pm Legion of Mary.
5.45pm - 6.30pm Grufan. Adorazzjoni u Rużarju.
6.30pm Quddiesa u Adorazzjoni mmexxijja minn Patri Gwardjan Tonio Mifsud O.F.M.Conv.u l-Komunita' ta'Paris u tal-Qattus.

**It-Tlieta 16 ta' Ġunju**

9.30am - 10.00am Tfal tal-Iskola St. Francis.
10.15am - 11.00am Kummissjoni Djakonija.
11.15am - 12.00pm Żona tal-Vitorja mmexxijja minn Kan Dun Charles Gauci.
4.45pm - 5.30pm Grupp tal-Fergħa Ewkaristika.
5.45pm - 6.30pm Grupp tar-Romol. Adorazzjoni u Rużarju.
6.30pm Quddiesa u Adorazzjoni mmexxija mir-Rettur Patri Stephen Mifsud MSSP u l-Komunita' ta' l-Oratorju.

**L-Erbgħa 17 ta' Ġunju**

9.00am - 10.00am Quddiesa u Adorazzjoni Libera.
10.00am - 11.00am Lega Riparatriċi u Kongregazzjoni Marjana.
11.00am - 12.00pm Din għall-Adorazzjoni individwali.
5.00pm - 5.30pm Grupp Fokolarini.
5.45pm - 6.30pm Kummissjoni Familja. Adorazzjoni u Rużarju.
6.30pm Quddiesa u Adorazzjoni mmexxijja mill-Komunitajiet Neo-Katekumenali.

**Il-Ħamis 18 ta' Ġunju**

9.00am - 10.00am Quddiesa u Adorazzjoni Libera.
10.00am - 11.00am Grupp Anzjani.
11.15am - 12.00pm Għaqda Ommijiet Insara.
5.00pm - 5.30pm Museum Xebbiet u ġuvintur. **Laqgħa ta' Talb għat-Tfal.**
5.45pm - 6.15pm Azzjoni Kattolika Irġiel, Nisa u Xebbiet.
6.30pm Quddiesa u Adorazzjoni mmexxijja mis-Saċerdoti tal-Parroċċa.

**Il-Ġimgħa 19 ta' Ġunju - Festa tal-Qalb ta' Ġesu'**

Adorazzjoni l-jum kollu mid-9.30am sas-6.30pm.

9.00am - 10.00am Quddiesa u Adorazzjoni Libera.
10.00am - 10.45am Grupp Helpers Nisa.
11.00am - 12.00pm Kummissjoni Spiritwalita'.
12.00pm - 3.00pm Adorazzjoni Individwali (Ministri Straordinarji tat-Tqarbin u oħrajn).
3.00pm - 4.00pm Grupp ta' Talb u Xirka tal-Isem Qaddis t'Alla.
4.15pm - 5.00pm Komunitajiet ta' Sorijiet.
5.15pm - 6.00pm Grupp tal-Armar u ħbieb tat-Tempju.

*ikompli f'paġna 5...*

*...ikompli minn paġna 4*

6.00pm Rużarju mill-membri tal-Fratellanzi.
6.30pm Quddiesa Konċelebrata u wara Purċissjoni li tgħaddi minn dawn it-toroq: il-Pjazza, Triq S. Elena, Triq il-Kbira, Triq Brared, Triq Anġlu Mallia, Triq il-Wied, Triq Santu Rokku, Triq l-Imsida, Triq il-Kbira, il-Pjazza. Wara l-Purċissjoni jsir it-Tiġdid tal-Konsagrazzjoni lil Qalb ta' Ġesu' u Ċelebrazzjoni Ewkaristika fuq iz-zuntier tal-Bażilka.

**Infakkru**

**Ir-residenti tat-toroq fejn ser jgħaddu l-Purċissjonijiet ta' Corpus (il-Ħadd 14 ta' Ġunju) u tal-Qalb ta' Ġesu' (il-Ġimgħa 19 ta' Ġunju) huma mitluba biex ma jħallux karozzi pparkjati u biex iżejnu t-toroq u l-gallerijji bil-ward, dawl u bil-qsari. Nimxu lkoll bid-devozzjoni wara Ġesu' Sagramentat.**

**It-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina huma mħeġġa li jakkompanjaw u jġibu qfief jew containers bil-ward biex jitfgħuhom waqt il-purċissjoni.**

---

## KARKARIŻ SUPERJUR ĠENERALI ĠDID

Wara r-riżenja tas-superjur Ġenerali Victor Delicata nhar il-15 ta' April, Il-Kapitlu Ġenerali tas-sezzjoni Maskili tas-So'ċeta M.U.S.E.U.M għażel lis-Sur Natalino Camilleri, li għandu 47 sena u joqgħod mal-familja tiegħu fil-Parroċċa ta' Santa Elena Birkirkara, bħala superjur Ġenerali l-Ġdid tas-Soċjeta.

Il-Kapitlu Elenjan u l-poplu Karkariż jifraħlu u jwegħdu li jiftakar fih fit-talb.

---

**Maths & Physics**

**Private Lessons in small groups**
**Forms 3 and 4**
**And Form 5 for O'Level 2010**
**Tel: 21472039 / 79617848**



## Programm tal-Festa tal-Oratorju - Sidtna Marija Għajnuna tal-Insara

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sibt 13 ta' Ġunju | 6.00pm | **Quddiesa** minn Fr. Tony Sciberras MSSP. Ikanta l-Kor tal-Oratorju. |
| It-Tnejn 15 ta' Ġunju | 6.00pm | **Quddiesa għal membri, benefatturi u ħbieb tal-Oratorju.** Tiġi ċelebrata minn Fr. Norbert Bonavia. Issir ċeremonja għar-reffiegħa. |
| It-Tlieta 16 ta' Ġunju | 6.00pm | **Quddiesa għat-tfal tad-Duttrina animata minnhom stess.**.Jiċċelebra Fr. Gordon Refalo Kappillan tas-Swatar. |
| L-Erbgħa 17 ta' Ġunju | 6.00pm | **Quddiesa għall-bżonnijiet tal-morda, anzjani u dawk għaddejjin minn żmien diffiċli**. Jiċċelebra Patri John Vella OFM CAP. |
| Il-Ħamis 18 ta' Ġunju | 7.00pm | **Te Deum** f'għeluq il-25 anniversarju mit-twaqqif tal-Grupp Kariżmatiku "Koinonia" fl-Oratorju. Quddiesa minn Fr. Karm Debattista. |
| Il-Ġimgħa 19 ta' Ġunju | 4.00pm | **Jum iż-Żgħażagħ** Adorazzjoni fis-skiet b'Ġesu' Ewkaristija espost. |
| | 6.00pm | Quddiesa tal-Qalb ta' Ġesu' |
| | 7.30pm | **Quddiesa animata miż-żgħażagħ.** Imexxi Fr. Martin Galea MSSP |
| Is-Sibt 20 ta' Ġunju | 6.30pm | **Lejlet il-Festa** Transulazzjoni u Quddiesa ikkonċelebrata mill-Grupp ta' saċerdoti li propju fl-20 ta' Ġunju 2003 ġew ordnati ma' Fr. Stephen Mifsud, Direttur tal-Oratorju. |
| | 8.00pm | Talentorju: Serata varjata b'tombla, kant, żfin u ikel. |
| Il-Ħadd 21 ta' Gunju | | **Jum il-Festa** |
| 8.00am | | Quddiesa mill-Prepostu Arċipriet Kan. Dun Anton Cassar. |
| 6.30pm | | **Quddiesa Solenni**i iċċelebrata mill-Provinċjal tas-Soċjeta' Missjunarja ta' San Pawl Fr.Louis Mallia. Wara **Purċissjoni Qasira bil-Madonna fil-ground** bis-sehem tal-banda ta' Ħad-Dingli u programm qasir miż-żgħażagħ qabel tidħol l-Istatwa fil-Knisja. |

# Messaġġ

Jiena Rev. **Nicholas Joseph Doublet**, mill-Parroċċa ta' Santa Elena, Birkirkara, iben Martin u Maria Bernardette. Jiena trabbejt fi ħdan il-komunita' nisranija, li kienet strumentali għalija biex nagħraf is-sejħa tal-Mulej, li nimxi warajh u naqdih fil-ħajja saċerdotali. Irċevejt l-edukazzjoni primarja u sekondarja tiegħi fil-Kulleġġ De La Salle ħewwa l-Kottonera; u dik post Sekondarja fil-Kulleġġ San Alwiġi ġewwa Birkirkara. Għadni kif temmejt il-formazzjoni bi preparazzjoni għall-ħajja sa'erdotali fis-Seminarju ta' l-Arċisqof u l-istudji filosofiċi u teoloġiċi fil-Fakulta tat-Teoloġija ġewwa l-Universita' ta' Malta. Matul dawn l-aħħar xhur, qdejt il-ministeru bħala djaknu fil-komunita' Parrokjali ta' Santa Luċija.

Bl-għajnuna t'Alla se nkun ordnat saċerdot, flimkien ma' seba' minn sħabi, minn idejn Mons, Arċisqof Pawlu Cremona OP fil-KonKatidral ta' San Ġwann nhar il-**Ġimgħa 3 ta' Lulju.** Nitolbok tingħaqad miegħi f'dan il-mument għażiż għalija, permezz tat-talb sabiex il-Mulej ikompli jagħmel minni saċerdot skond qalbu u biex kull fejn inkun inġedded kollox **Fih**. F'dan il-mument it-talb tiegħi jmur speċjalment għaż-żgħażagħ tal-parroċċa tagħna; minn qalbi nistednikom tifthu qalbkom beraħ għas-sejħa tal-Mulej Ġesu' kemm għall-ħajja saċerdotali u reliġjuża u anke għall-ħajja taż-żwieġ skond il-qalb tal-Mulej. Kunu ċerti li l-Mulej ma jeħdilkom xejn, imma jagħtikom kollox, kemm il-darba nintelqu f'idejH .

---

## 25 Sena bħala Saċerdot - Fr. Emmanuel Parnis MSSP

FR.Emmanuel Parnis MSSP qed jaħdem fil-Missjoni fil-Peru. Hu kien ordnat saċerdot fis-7 ta' Lulju 1985. Peress li jiġi kull tlett snin xtaq jiċċelebra l-anniversarju tiegħu waqt li qiegħed hawn Malta bħalissa.

Nhar il-Ħadd 21 ta' Ġunju 2009 fil-Bażilika Kolleġġjata f'nofsinhar se jiċċelebra quddiesa ta' Radd il-Ħajr lil Alla . Dan il-jum ukoll hu meta l-ewwel missjunarju Fra Ġużepp Caruana telaq lejn il-Missjoni fl-Etjopja.

Hu jistieden li Karkariżi jingħaqdu miegħu.

---



# *Mill-ħajja tal-Parroċċa*

## April

**Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ:**
Daniel John Galea - Marouska Carabott; George Caruana - Maria Stella Psaila.

**Issieħbu fil-Knisja permezz tal-Magħmudija:**
Miguel Abela; Ivan Debattista; Daniela Marie Micallef; Cheyelle Cuschieri; Danzel Psaila; Kyle Cassar; Gabriel Debono; Francesca Grech; Nevec Keen; Jaden Micallef; Nailah Vella; Shania Farrugia; Shania Fenech.

**Ingħaqdu mal-Mulej fil-Mistrieħ ta' Dejjem:**
Gaetano Laferla; Angelica Briffa; Anthony Calleja; Grazzja Azzopardi; Anna Maria Said; Paul Attard; Maria Diacono; George Calleja; Maria Dolores Debono; Valent Sciberras.

## Suffraġji

* Il-familji Mamo, Borg u Debono joffru €5 b'suffraġju tal-għażiża tagħhom Lady Margaret Mamo fl-anniversarju tal-mewt tagħha fil- 25 ta' Ġunju.
* Marija Mifsud toffri €5 b'suffraġju tal-għażiż żewġha Angelo u missierha Joseph u in-nanniet u Tony.
*Mary C. Teuma toffri €10 b'suffraġju tal-erwieħ għeżież tal-familji Teuma u Copperstone.
* N.N. toffri €5 b'suffraġju tal-għażiż ħuha Joseph Zammit.

## Ħbieb

Mary C.Teuma; Mr & Mrs A. Sammut; G.Cacciattolo; Ahwa N u S. Sammut; Mary u Vince Camilleri; Mr u Mrs. J. Xuereb; Mr u Mrs J.Cassar; Mr u Mrs L. Borg; Mr u Mrs Grech; Mr u Mrs J. Falzon.
€2.00 permezz ta' Ginnie Grech Dun Perin Lane
€1.80 permezz ta' Carolina Debono.

LAURENS WATCHES
G.B. JEWELLERY
GEORGE BUSUTTIL
451, Fleur-de-lys Road, B'Kara - Tel: 21 499 679
LORENZ WATCHES